# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 12**

**Avviz numru 1390/00/SM**

**Joseph u Josephine Giordimaina**

**vs**

**Joseph Perici Calascione f'ismu u f''isem il-Fenici Insurance Brokers Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u disgha u tletin Liri Maltin u seba' centezmi, (Lm439.07,0), rapprezentanti zewg terzi ta' l-ispejjez (Dok. A) tal-kawza deciza mill-Prim'Awla**

**tal-Qorti Civili fil-11 ta' Gunju, 1999 fl-ismijiet Joseph Giordimaina vs Dottor Edgar Depasquale noe (1321/94/FGC), u kif dovuti minnek bis-sahha ta' l-obbligazzjoni minnhu ffirmata fit-28 ta' Settembru, 1994 (Dok. B), l-effett ta' liema skrittura ghal kull buon fini giet mgedded bl-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 1999;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tat-8 ta' Settembru, 1999 u tat-28 t'Awissu, 2000, u ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 1999, u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza msemmija kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta'l-eccezzjonijiet datata t-12 ta' Dicembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut proprio et nomine eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi fl-ewwel lok, in linea preliminari, l-eccipjenti proprio la qatt kellu u lanqas ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Illil fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti nomine diga hallas ammont lill-atturi a saldu tal-pretenzjonijiet kollha taghhom, liema hlas gie debitament accettat mill-attturi, u ghalhekk m'huwa dovut l-ebda ammont iehor, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

3. **Illi ulterjorment, u wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda ammont m'huwa dovut mill-eccipjenti nomine u dan stante illi l-atturi naqsu milli jinformaw lill-istess eccipjenti nomine bil-proceduri istitwiti fil-konfront ta' l-assikurat taghhom, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Giordimaina vs Dottor Edgar Depsaquale noe (Cit. Nru. 1321/94FGC), ai finijiet tas-sub-inciz 2 ta' l-Artikolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre milli naqsu milli jinnotifikaw lill-eccipjenti nomine bil-bandu tal-kuraturi, kif kienu obbligati illi jghamlu**

**ai termini tas-subinciz 2 ta'l-Artikolu 931 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, b'dan illi l-eccipjenti nomine gie mcahhad mill-opportunita' illi jiddefendi t-talbiet attrici fil-kors tal-kawza msemmija;**

4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali ezawrjenti tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-atturi jidhru li kienu involuti f'incident awtomobilistiku ma persuna ta' nazzjonalita' estera li l-kumpanija assikurattrici tieghu assumiet ir-responsabbilita' li taghmel tajjeb ghad-danni kkagunati minnu fil-konfront ta' l-atturi odjerni;**

2. **Illi meta intemmew il-proceduri li kienu involuti fihom l-istess kumpanija hallset lill-atturi tramite r-rapprezentant legali taghhom permezz ta' "cheque";**

3. **Illi inoltre, fl-ittra li fiha baghtet ic-"cheque" in dizamina indikat kjarament li…" encashment of which will signify acceptance by and on behalf of your client of relative settlement on a full and final basis";**

4. **Illi effettivament ic-"cheque" de quo gie imsarraf;**

5. **Illi l-kawza odjerna qed issir ghaliex hemm allegatament spejjez ohra x'jithallsu mill-kumpanija assikuratrici;**

**6. Illi din is-socjeta' qed topponi ghal dan stante li gia effettwat il-pagament finali;**

**7. Illi ghalhekk ittiehdet din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi huwa pacifiku f'dawn il-qrati li pagament ghas-saldu ta' kwalunkwe pretenzjoni hu effettivament dan u xejn aktar;**

**Illi gialadarba jigi effettwat dan il-pagament jinholoq vinkolu indissolubbili bejn il-partijiet u l-ebda rikjam ma jista' ghal dan il-vinkolu hekk redatt;**

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**